Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2025/2465

3.12.2025

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2025/2465

## tal-24 ta' Novembru 2025

## dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim dwar il-Kummerċjali Diġitali bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Korea

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 207(4), l-ewwel subparagrafu, flimkien mal-Artikolu 218(5) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Fis-27 ta' Ġunju 2023, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni tiftaħ negozjati mar-Repubblika tal-Korea għal ftehim dwar id-dixxiplini tal-kummerċ diġitali.

(2) Fl-10 ta' Marzu 2025, in-negozjati għall-Ftehim dwar il-Kummerċ Diġitali bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Korea (il-"Ftehim") ġew konklużi b'suċċess mill-Kummissjoni f'isem l-Unjoni.

(3) Għaldaqstant, jenħtieġ li l-Ftehim jiġi ffirmat.

(4) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ġie kkonsultat f'konformità mal-Artikolu 42(1) tar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [1] u ta opinjoni fit-3 ta' Novembru 2025,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-iffirmar tal-Ftehim dwar il-Kummerċ Diġitali bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Korea ("il-Ftehim") huwa b'dan awtorizzat f'isem l-Unjoni, soġġett għall-konklużjoni tal-imsemmi Ftehim [2].

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, l-24 ta' Novembru 2025.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

L. LØKKE RASMUSSEN

---

(1) Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2018/1725/oj).

(2) It-test tal-Ftehim ser jiġi ppubblikat flimkien mad-deċiżjoni dwar il-konklużjoni tiegħu.